MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tat-28 ta' Jannar, 2008

Appell Kriminali Numru. 367/2007

**Il-Pulizija**
**(Spt. A. Gafa')**
**Vs**

**Lourdes Castillo**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellanti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli f'dawn il-Gzejjer, fis-16 ta' Mejju, 2006 u fix-xhur ta' qabel, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi w li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda :

1. hadmet jew kienet impjegata bhala gwardjan privat bi ksur ta' xi wahda mid-disposizzjonijiet ta' l-Att dwar Gwardjani Privali u Lokali, Kap. 389 tal-Ligijiet ta' Malta, jew ta' xi licenzja mahruga bis-sahha tieghu;

2. fit-23 ta’ Mejju, 2006 jew fix-xhur ta’ qabel, offendiet il-pudur jew il-morali, b’ghemil li sar f’lok pubbliku jew f’lok espost ghall-pubbliku.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tal-11 ta’ Settembru, 2007, li biha, wara li rat l-artikoli 209 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabet lill-appellanti hatja tat-tieni akkuza w ikkundannatha multa ta’ mitejn liri Maltin (LM200) izda peress li l-ewwel akkuza kif dedotta ma rrizultatx pruvata lliberatha minn din l-akkuza.
Bl-applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-appellanti giet ikkundannatha sabiex sa zmien xahar thallas l-ispejjes konnessi ma’ dawn il-proceduri li jammontaw ghal mija, tlieta w hamsin liri Maltin u sitta w erbghin centezmu (LM153.76) u f’kaz li dawn ma jithallsux jigu konvertiti f’terminu ta’ prigunerija skond il-ligi.

Rat ir-rikors tal-appellanti minnha pprezentat fl-24 ta’ Settembru, 2007, li bih talbet li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata, billi tikkonfermaha fejn sabitha mhux hatja w tirrevokaha ghall-kumplament billi tilliberaha minn kull htija w piena jew spejjez.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellanti, fil-qosor, huma s-segwenti w cioe' :- Dwar il-fatti, il-p-prosekuzzjoni bl-ebda mod ma ppruvat li r-ritratti ttiehdu fil-pubbliku. Ma eskludietx li dawk ittiehdu kontra *background* ta' *poster* li juru xena ta' barra. L-appellanti wiegbet ghall-mistoqsijiet li sarulha imma mistoqsija bhal din ma saritx. Il-Prosekuzzjoni haditha *for granted* li r-ritratti ttiehdu fil-pubbliku. Dwar l-artikolu 209, jehtieg li jkun hemm "ghemil" jew att, jew attivita'. Ma hemmx ghalfejn wiehed jidhol fil-dettall dwar x' inhu att kontra l-pudur jew immorali w dan jista' jsir anki jekk persuna tkun liebsa minn rasha sa saqajha. Pero' Ir-ritratti ma juru ebda att jew attivita' ta' lussurja jew xi att laxxiv. Il-Ligi taghna hasbet fuq in-nudita' f' post pubbliku

w dan fl-artikolu 338(q). Id-differenza bejn l-artikolu 338(q) u l-art. 209 hija fil-fatt li fit-tieni jrid ikun hemm ghemil, cioe' ta' attivita' sesswali jew zieni. Il-fatt li bniedem ikun bla hwejjeg hija ommissjoni aktar minn att. La darba dan l-att hu kontravvenzjonali ma hemmx punibilita' ghaliex jirrizulta mill-atti stess li l-preskrizzjoni ta' tlitt xhur immaturat. Anki jekk wiehed kellu jmur ghar-reat kontemplat taht l-artikolu 209, xorta wahda hemm il-preskrzzjoni ghaliex il-prosekuzzjoni ma nehhietx minghajr ebda dubju li l-fatt sar anqas minn sentejn sa ma l-appellanti tressqet il-Qorti.

Semghet it-trattazzjoni;

Fil-kors tat-trattazzjoni, l-abbli Prosekutrici Dr. Spiteri ssottomettiet li uhud mir-ritratti li hi immarkat bil-*jam marker* ahdar kienu laxxivi.

Rat in-Nota ta' sottomissjonijiet tal-appellanti tal-10 ta' Dicembru., 2007 .

Rat il-gurisprudenza citata mill-partijiet;

Rat l-ordni taghha biex il-kawza tigi rikjamata ghall-udjenza tal-lum ghas-sentenza.

Ikkonsidrat;

Illi l-fatti li taw lok ghal dan il-kaz, fil-qosor kienu s-segwenti. Waqt tfittxija li l-Pulizija kienet qed taghmel fi proprjeta' ta' terza persuna (mhux l-appellanti) in konnessjoni ma reati li m'ghandhom x' jaqsmu xejn ma dak addebitat lill-appellanti, nstabu ghadd ta' negattivi ta' ritratti mhux zviluppati. Il-Pulizija, fuq inizjattiva taghha stess, zviluppat dawn ir-ritratti w nstab li dawn kienu "*inter alia"* juru lill-appellanti jew bla hwejjeg xejn, jew *"topless*" jew liebsa xi bikini jew "*underwear".* Jidher li dawn ittiehdu f' lokalitajiet fejn il-bahar facilment identifikabbli bhala parti imwarrba mill-kosta roccuza Maltija jew f' lokalita b' hafna sigar u cactus, x' aktarx f' certi partijiet tal-gnien tal-Buskett li ma humiex facilment accessibbli ghall-pubbliku.

Minn imkien mill-atti processwali pero' ma jirrizulta meta ttiehdu dawn ir-ritratti.

Illi l-ewwel aggravju tal-appellanti li ma hemmx prova li dawn ir-ritratti ttiehdu f' post pubbliku jew espost ghall-pubbliku jidher manifestament infondat, ghaliex ghalkemm jidher li ttiehdu f' postijiet imwarrba, hu ovvju, specjalment ghal dawk li ttiehdu mall-kosta, li dawn ttiehdu fuq il-"foreshore" li huwa pubbliku w anki espost ghall-pubbliku. Jidher *ictu oculi* li dawn ir-ritratti ma ttiehdux quddiem xi "*background poster"* kif qed jipprospetta l-abbli difensur, Dr. Brincat.

*"Biex il-post jigi ritenut pubbliku, il-ligi ma tirrikjedix li jkun pubbliku, izda hu bizzejjed li jkun espost ghall-pubbliku, ..hu bizzejjed li l-pubbliku seta' jara l-att dizonest."* (App. Krim. "**Il-Pulizija vs. MichelAngelo Grech."** [22.10.1955])

Ghalhekk dan l-aggravju qed jigi respint.

Fit-tieni aggravju taghha l-appellanti qed tipprospetta li l-agir tal-appellanti kien ghall-massimu jammonta ghal reat kontravvenzjonali ta' min ikun gharwien jew mhux liebes xieraq fix-xtut tal-bahar jew f' lok iehor pubbliku.

Illi kif ikkoncediet l-abbli prosekutrici wiehed irid jiddistingwi bejn dak li l-moralisti jidentifikaw bhala "*nudum simplex"* fejn l-immagni turi il-persuna mhux imlibbsa jew mhux liebsa xieraq, u immagni li minnha nnifisha tkun tindika xi att laxxiv bhal masturbazzjoni jew xi att sesswali ta' kull xorta ma persuna jew persuni ohra. Kif ukoll tikkoncedi l-istess Avukat prosekutur il-maggoranza tar-ritratti jaqghu taht il-klassifika ta' "*nudum simplex"* tant li hi identifikat biss sebgha ritratti li skondha juru pozizzjoni laxxiva. Pero' meta l-Qorti pparagunat dawn ir-ritratti mar-ritratti l-ohra ma sabet xejn differenti mill-ohrajn u ghalhekk isegwi li dawn is-seba' ritratti wkoll ghandhom jitqiesu li jirriproducu semplicement figura femminili bla hwejjeg jew mhux liebsa xieraq u xejn aktar. Ma fihom ebda element pornografiku li jista' forsi jiddistingwihom minn ghadd ta' ritratti simili li jinsabu fuq il-faccati ta' barra

ta' hafna rivisti li jimbieghu legalment min-*news stands* u hwienet tal-kotba rispettabbli Maltin.

B' dana kollu, kif gie ritenut minn din il-Qorti fl-Appell Kriminali "**Il-Pulizija vs. Ferdinand Grima**" [7.11.1949] per Harding J., citata mill-Prosekuzzjoni, :-

*"Il-Ligi Maltija, biex jirrikorri r-reat ta' offiza ghall-pudur jew morali pubblika, ma tesigix li jigu kommessi specifikatament atti ta' libidini jew impudici, jew oxxeni, imma tirrikjedi semplicement atti li joffendu l-pudur jew il-morali; b' mod li ghall-ezistenza ta' dan ir-reat huwa bizzejjed li l-att ikun tali li joffendi s-sens ta' decenza."*

u

*"l-element intenzjonali hu sodisfatt jekk l-att offensiv tad-decenza ikun volontarju, bla ma jehtieg id-dolo specifiku."*

Fl-Appell Kriminali **"Il-Pulizija vs. Michel Angelo Grech"** fuq gja citat,  gie ritenut mill-Prim' Imhallef Sir Luigi Camilleri:-

*"L-att ta' min ikun f' post pubbliku bil-qalziet miftuh u bil-parti genitali tieghu barra huwa tali li joffendi l-pudur u l-morali u jikkostitwixxi r-reat ta' offiza ghall-pudur jew il-morali pubblika…u mhux il-kontravvenzjoni ta' min jesponi ruhu gharwien jew liebes mhux xieraq …"*

Li tfajla tnehhi hwejjigha kollha f' post pubbliku jew espost ghall-pubbliku w toqghod tippoza ghar-ritratti indubbjament joffendi s-sens ta' decenza. Konsegwentement it-tieni aggravju kif espost mill-abbli difensur, u cioe' li dawn ir-ritratti tal-appellanti, jippruvaw haga wahda biss u cioe' li <u>f' xi zmien</u> hi kienet  ppuzat f' post pubbliku bla hwejjeg, fatt li talvolta kien jirrendiha passibbli biss ta' htija ta' r-reat kontravvenzjonali kontemplat fl-artikolu 338(q) izda mhux ukoll tad-delitt kontemplat fl-artikolu 209, li tieghu nstabet hatja mill-Ewwel Qorti, ma jreggix.

Fit-tielet lok l-appellanti tghid li r-reat hu preskritt. Biex ikun hemm il-preskrizzjoni jinhtieg li l-ewwel irid jigi stabbilit meta gie kommess id-delitt. Ghalhekk l-ewwel domanda li tqum wahedha hawn hija : meta ttiehdu dawn ir-ritratti?  Li hu evident hu li dawn setghu ittiehdu biss wara l-puberta' tal-appellanti li llum ghandha hamsa w ghoxrin (25) sena w ghalhekk teoretikament setghu ttiehdu anki sa xi tlittax - erbatax il-sena ilu. Mill-bqija ma hemm ebda prova meta ttiehdu. Anki mit-tieni stqarrija tal-appellanti tat-3 ta' Gunju, 2006, (fol.34 tal-process), fejn il-Pulizija kienet qed issaqsi biss dwar dar-reat, ma johrog bl-ebda mod meta ttiehdu dawn il-fotografiji.

Ghalhekk f' dan il-kaz il-Prosekuzzjoni naqset li tipprova element ewlieni tar-reat f' dan il-kaz u cioe' **iz-zmien** **meta** r-reat fuq imsemmi gie kommess. Zgur li ma rrizultax li dan kien gie kommess "fit-23 ta' Mejju, 2006 jew fix-xhur ta' qabel" kif dedott fic-citazzjoni, liema terminu jista' biss jestendi ghall-massimu ta' sentejn qabel is-6 ta' Lulju, 2006, meta l-appellanti giet notifikata bic-citazzjoni, in vista tal-preskrizzjoni li tkun applikabbli ghall-kaz skond l-artikolu 688(e) tal-Kodici Kriminali. Ghalhekk strettament l-appellanti ghandha tigi liberata ghax ma rrizultax li dawn ir-ritratti ttiehdu fid-data w fil-periodu msemmi fic-citazzjoni w mhux ghax l-azzjoni hija preskritta. Il-preskrizzjoni tidhol biss incidentalment billi necessarjament tillimita il-frazi "*jew fix-xhur ta' qabel"* ghall-periodu li ma jkunx jista' jmur lura aktar minn sentejn  minn meta l-appellanti giet notifikata bic-citazzjoni  u cioe' fis-6 ta' Lulju, 2006. (ara riferta a fol. 7)

Persuna ma tistax tinstab hatja ghax xi darba f' hajjitha kkommettiet reat, minghajr ma jigi precizat (anki b' mod approssimattiv) meta dak ir-reat kien gie kommess. Konsegwentement l-akkuza kif intavolata ma tirrizultax pruvata w ghalhekk l-appellanti ghandha tigi liberata minnha.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa' l-appell u tirriforma s-sentenza appellata, billi fil-waqt li tikkonfermaha fejn sabet lill-appellanti mhux hatja tal-ewwel imputazzjoni w illiberartha minnha, tirrevokaha fejn

sabet lill-appellanti hatja tat-tieni imputazzjoni w kkundannata ghal multa ta' mitejn lira Maltin (LM200) u fejn ikkundannata sabiex fi zmien xahar thallas l-ispejjez ammontanti ghall-LM153.76c u minnflok tilliberaha minn din it-tieni imputazzjoni w minn kull imputazzjoni, piena w kundanna ghall-hlas tal-ispejjez.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------